MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2015

Appell Kriminali Numru. 193/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Adrian Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Adrian Farrugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 526881(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli matul dawn l-ahhar tliet snin, u cioe` qabel is-17 ta’ Jannar 2010, b’diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’risoluzzjoni waħda, mill-imħażen tas-soċjeta` Antonio Piscopo Ltd. fi Triq Jean De La Valette, San Pawl il-Baħar, ikkommetta serq ta’ merkanzija, konsistenti f’laħam iffriżat (fillet) kif ukoll għadd ta’ *hampers*, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-

persuna u bil-ħin u li sar għad-detriment tas-soċjeta` Piscopo's Cash & Carry Ltd. u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet oħra;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-24 ta' April 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268(d), 279(b), 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Adrian Farrugia ħati ta' l-imputazzjoni tas-serq miġjuba fil-konfront tiegħu, biss bl-aggravji tal-persuna u tal-valur, u kkundannatu ghal perijodu ta' sentejn priġunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-perijodu ta' priġunerija ġie sospiż għal żmien erba' snin mid-data tas-sentenza appellata. Il-Qorti wissiet lill-istess Adrian Farrugia bil-konsegwenzi skond il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza. Finalment, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannatu jħallas lis-soċjeta` Piscopo Cash and Carry jew xi wie]ed mid-diretturi tagħha, is-somma ta' €22,393.04 u dan fi żmien sitt xhur;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Adrian Farrugia ppreżentat fis-6 ta' Mejju 2013 fejn talab li din il-Qorti:

(1) Tilqa' l-ewwel aggravju u tannulla s-sentenza appellata u tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tingħata sentenza skond il-liġi.

(2) Alternattivament [u jekk tqis li kien hemm liberatorja miż-żewġ kwalifiki ta' ħin u tal-mezz li jaggravaw l-imputazzjoni ta' serq] tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn ġie liberat mill-aggravji tal-ħin u tal-mezz [presumibilment] tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fil-bqija fejn ġie misjub ħati ta' l-imputazzjoni ta' serq iżda kwalifikat biss bil-valur u bil-persuna u fejn ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi u fejn ġie ordnat a tenur ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 sabiex fi żmien sitt xhur iħallas lis-soċjeta` Piscopo Cash and Carry s-somma ta' €22,393.04 u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena.

(3) Alternattivament tvarja u tirriforma l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn ġie misjub ħati ta' serq ikkwalifikat bil-persuna u fejn ġie [presumibilment meħlus mill-aggravji tal-mezz u tal-ħin, tħassarha f' dik il-parti fejn sabitu ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur u fejn ġie kkundannat għal sentejn priġunerija sospiżi u fejn ġie ordnat a tenur ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 sabiex fi żmien sitt xhur iħallas is-soċjeta` Piscopo Cash and Carry s-somma ta' €22,393.04 u minflok tilliberah mill-aggravju tal-valur u konsegwentement tirrevoka l-ordni għall-ħlas magħmul a tenur ta' l-artikolu 28H tal-Kap. 9 u tinfliġġi piena aktar ġusta u ekwa għall-każ;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni dwar l-ewwel aggravju; ikkunsidrat:

**5.** Din hi sentenza dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant. Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant isostni:

> "Illi s-sentenza appellata hija irrita u nulla u dan peress illi din ma' tissodisfax il-vot tal-ligi in kwantu jirrigwarda ir-rekwiziti essenzjali rikjesti. F'dan is-sens l-esponent jispjega illi kif jirrizulta car u manifest jidher illi l-ewwel Qorti naqset milli tiddisponi definittivament dwar l-aggravji li kienu jikkwalifikaw l-akkuza ta' serq u cioe` l-aggravji tal-mezz u tal-hin.
>
> "In effetti, minn qari tal-istess sentenza jidher illi ghalkemm l-ewwel Qorti kienet tidher intenzjonata illi tillibera lill-esponent minn dawn iz-zewg kwalifiki li jaggravaw l-akkuza ta' serq, imkien fis-sentenza appellata u senjatament imkien fil-parti disposittiva jew tad-decide ma' hemm id-dikjarazzjoni ta' liberazzjoni mill-imsemmija aggravji. Tali ommissjoni tirrendi l-istess sentenza difettuza fit-termini tal-Artikoli 377 u 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u bhala tali din ghandha tigi annullata dan fuq skorta ta' gurisprudenza kopjuza f'dan is-sens.
>
> "Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Generoso Sammut [Appell Kriminali 80/2004]** datata 13 ta' Ottubru 2004, din l-Onorabbli Qorti pprovdiet dwar sitwazzjoni analoga ghal dik odjerna [izda fejn in-nullita` giet sollevata *ex officio* mill-Qorti stess] hekk kif gej:
>
> "'Issa, l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:
>
> "**'Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.'**
>
> "'Minn ezami tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti jirrizulta li hija ddikjarat lill-appellant hati tat-"tieni" imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-"ewwel" imputazzjoni u minn dik ("ir-raba'") li sar recidiv. Dwar it-"tielet" imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha. Huwa veru li l-ewwel Qorti rriferiet biss ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 bhala l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat li dwaru kienet qed issib il-htija. Izda b'daqshekk l-appellant ma jistax jassumi li gie lliberat mit-tielet imputazzjoni galadarba l-ewwel Qorti ma ddikjaratx li kienet qed tilliberah minnha wkoll. Jekk kienet qed issib il-htija anke dwar din l-imputazzjoni naturalment kellha tirreferi ghall-artikolu tal-ligi relattiv.

> "'Jekk mill-banda l-ohra kellha l-intenzjoni li tillibera lill-appellant (allura imputat) minn dik l-imputazzjoni, kellha tghid hekk fis-sentenza taghha[1].
>
> "'F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ssib li s-sentenza appellata hi difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali u ghalhekk jirrendi s-sentenza appellata nulla. Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tiddikjara *ex officio* s-sentenza ta' l-ewwel Qorti…"
>
> "Illi ghalhekk fid-dawl ta' dak suespost din l-Onorabbli Qorti ghandha necessarjament tannulla s-sentenza appellata ghaliex difettuza *ab ommissa decisione* u sabiex ma' tipprivax lill-partijiet mid-dritt ta' *doppio esame*, ghandha tirrimanda l-atti quddiem l-ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-ligi."

**6.** Wara li din il-Qorti eżaminat is-sentenza li għaliha rrefera l-appellant kif ukoll is-sentenza appellata, tgħid illi l-każ odjern jiddifferenzja minn dak ċitat mill-appellant. Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Generoso Sammut**, il-Qorti tal-Maġistrati kienet baqgħet siekta dwar waħda mill-imputazzjonijiet. Fil-każ odjern, fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti, wara li tirreferi għall-aggravji li rrefera għalihom l-Avukat Ġenerali fin-nota ta' rinviju għall-ġudizzju (serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-persuna u bil-ħin), tikkonkludi (fl-aħħar paġna tas-sentenza tagħha) li jirriżultaw l-aggravji tal-persuna u tal-valur, iżda li "madanakollu l-aggravji l-oħra ma humiex suffiċjentement ippruvati billi fl-ewwel lok ma hemmx prova li tindika kif l-imputat kiseb l-aċċess għall-imħażen tal-parti leża u ukoll billi lanqas ma ġie ppruvat il-ħin li fih seħħ l-allegat reat." Imbagħad fid-*decide* tiddikjara li kienet qed issib ħtija "<u>biss bl-aggravji tal-persuna u tal-valur</u>". B'hekk ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi l-ewwel Qorti ma sabitx ħtija fir-rigward ta' l-aggravji tal-mezz u tal-ħin. Jiġifieri ukoll li, kuntrarjament għal dak li ġara f'**Il-Pulizija v. Generoso Sammut**, l-ewwel Qorti f'dan il-każ ma baqgħetx siekta dwar l-imsemmijin żewġ aggravji. B'hekk l-ewwel Qorti, a tenur ta' l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qalet il-fatti li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati u dan ad esklużjoni ta' dawk li dwarhom ma kienx hemm provi suffiċjenti. Konsegwentement is-sentenza appellata ma tistax titqies nulla.

**7.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel aggravju u tordna l-prosegwiment tal-każ.

---

[1] Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 377 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: "**Meta jinghalaq is-smigh tal-kawza, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti s-sentenza, billi <u>tillibera jew tikkundanna</u> lill-imputat**".

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------